Nru./No. 20,094
Prezz/Price
€2.70

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Novembru, 2018
Tuesday, 27th November, 2018

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

### SOMMARJU — SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta ........ 11,705
*Proclamation by the President of Malta* ........ *11,705*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 11,706 - 11,717
*Government Notices* ........ *11,706 - 11,717*

Avviż tal-Pulizija ........ 11,718
*Police Notice* ........ *11,718*

Opportunitajiet ta' Impieg ........ 11,718 - 11,719
*Employment Opportunities* ........ *11,718 - 11,719*

Avviżi tal-Gvern ........ 11,719 - 11,728
*Notices* ........ *11,719 - 11,728*

Offerti ........ 11,728 - 11,736
*Tenders* ........ *11,728 - 11,736*

Avviżi tal-Qorti ........ 11,736 - 11,760
*Court Notices* ........ *11,736 - 11,760*

ANNO DOMINI 2018 NRU. XXIII

# Proklama

(L.S.) **MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA**

(Iff.) DOLORES CRISTINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President tkun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilha bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President hija assenti minn Malta;

U BILLI fis-26 ta' Novembru, 2018, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President tkun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, DOLORES CRISTINA, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, is-26 ta' Novembru, 2018.

B'Awtorità,

(Iff.) JOSEPH MUSCAT
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2018 NO. XXIII

# Proclamation

(L.S.) **BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA**

(Sd) DOLORES CRISTINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon her by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 26th day of November, 2018, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, DOLORES CRISTINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at The Palace, Valletta, this 26th day of November, 2018.

By Authority,

(Sd) JOSEPH MUSCAT
Prime Minister

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1386**

**IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Novembru, 2018, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1379 tal-21 ta' Novembru, 2018, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-23 ta' Novembru, 2018
(OPM/40/2017)

**Nru. 1387**

**AĠENT PRIM MINISTRU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħadd, il-25 ta' Novembru, 2018, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

L-24 ta' Novembru, 2018
(OPM/40/2017)

**Nru. 1388**

**IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħadd, il-25 ta' Novembru, 2018, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1387 tal-24 ta' Novembru, 2018, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-25 ta' Novembru, 2018
(OPM/40/2017)

**Nru. 1389**

**BORD TAL-APPELLI DWAR IR-RIFUĠJATI**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru ħatar lil Dott. Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology and Law Public Not. bħala Membru tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, Awla Tlieta, minflok

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1386**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Friday 23rd November, 2018, and that the arrangements made by Government Notice No. 1379 of the 21st of November, 2018, ceased to have effect accordingly.

23rd November, 2018

**No. 1387**

**ACTING PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Sunday, 25th November, 2018, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

24th November, 2018

**No. 1388**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER**

IT is notified for general information that Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom, BA(Hons), MA(European Studies), PhD(Bristol), MP, resumed duties as Prime Minister on Sunday, 25th November, 2018, and that the arrangements made by Government Notice No. 1387 of the 24th November, 2018, ceased to have effect accordingly.

25th November, 2018

**No. 1389**

**REFUGEE APPEALS BOARD**

IT is notified for general information that the the Prime Minister has appointed Dr Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology and Law Public Not. as Member on the Refugee Appeals Board, Chamber Three, in lieu of Mr

is-Sur Jacob Daniel Portelli B.A.(Hons.) skont l-Att dwar ir-Rifuġati (Kap. 420). Din il-ħatra tibqa' tgħodd sal-24 ta' Settembru, 2020.

Is-27 ta' Novembru, 2018

Jacob Daniel Portelli B.A. (Hons.) in terms of the Refugee Act (Cap. 420). This appointment will remain valid until 24th September, 2020.

27th November, 2018

**Nru. 1390**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI**

**Nomina ta' Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (5) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Aġent President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatret lill-Av. Juliana Scerri Ferrante LL.D. bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għal perjodu ta' ħames (5) snin mill-1 ta' Novembru, 2018.

Is-27 ta' Novembru, 2018
(MJ/1/1993/II/49)

**No. 1390**

**MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT**

**Appointment of Adjudicator on the Small Claims Tribunal**

IT is notified for general information that in terms of sub-articles (2) and (5) of Article 4 of the Small Claims Tribunal Act (Cap. 380 of the Laws of Malta), the Acting President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Juliana Scerri Ferrante LL.D. as Adjudicator on the Small Claims Tribunal for a period of five (5) years commencing on the 1st November, 2018.

27th November, 2018

**Nru. 1391**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 71 imsejjaħ Att tal-2018 dwar l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex.

Is-27 ta' Novembru, 2018

**No. 1391**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 71 entitled the Gozo Regional Development Authority Act, 2018.

27th November, 2018

**Nru. 1392**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,091 tal-20 ta' Novembru, 2018, u Nru. 20,093 tat-23 ta' Novembru, 2018, rispettivament.

A.L. 386 tal-2018: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services – M. Prob. Serv. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

A.L. 387 tal-2018: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti

**No. 1392**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,091 of the 20th November, 2018, and No. 20,093 of the 23rd November, 2018, respectively.

L.N. 386 of 2018: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2018 to amend the Bye-Laws of 2014 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Probation Services – M. Prob. Serv. – under the auspices of the Faculty for Social Wellbeing.

L.N. 387 of 2018: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2018 to amend the Bye-Laws of 2014 in terms of the

tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Gender Studies – M.G.S. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Gender Studies – M.G.S. – under the auspices of the Faculty for Social Wellbeing.

A.L. 388 tal-2018: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Cultural Sustainability and Tourism – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura.

L.N. 388 of 2018: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2018 to amend the Bye-Laws of 2013 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Cultural Sustainability and Tourism – M.A. – under the auspices of the Institute for Tourism, Travel and Culture.

A.L. 389 tal-2018: Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101); Ordni tal-2018 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Emenda Nru 3).

L.N. 389 of 2018: Dangerous Drugs Ordinance (Cap. 101); Dangerous Drugs Ordinance (Amendment of First Schedule) (No. 3) Order, 2018.

A.L. 390 tal-2018: Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464); Regolamenti tal-2018 li jemendaw it-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

L.N. 390 of 2018: Health Care Professions Act (Cap. 464); Health Care Professions Act (Amendment of the Third, Fourth and Fifth Schedules) Regulations, 2018.

A.L. 391 tal-2018: Att dwar il-Produzzjoni tal-Kannabis għal Skopijiet Mediċinali u ta' Riċerka (Kap. 578); Regolamenti tal-2018 dwar Drittijiet għall-Produzzjoni tal-Kannabis għal Skopijiet Mediċinali u ta' Riċerka.

L.N. 391 of 2018: Production of Cannabis for Medicinal and Research Purposes Act (Cap. 578); Production of Cannabis for Medicinal and Research Purposes (Fees) Regulations, 2018.

A.L. 392 tal-2018: Att dwar l-Armi (Kap. 480); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjon fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra.

L.N. 392 of 2018: Arms Act (Cap. 480); Firearms and Ammunition (Movement in Member States and Other Matters) (Amendment) Regulations, 2018.

A.L. 393 tal-2018: Att dwar l-Armi (Kap. 480); Regolamenti tal-2018 li jemendaw l-Iskedi I, II u III tal-Att dwar l-Armi.

L.N. 393 of 2018: Arms Act (Cap. 480); Arms Act (Amendment of Schedules I, II and III) Regulations, 2018.

A.L. 394 tal-2018: Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551); Regolamenti tal-2018 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

L.N. 394 of 2018: Environment and Planning Review Tribunal Act (Cap. 551); Exemption from Tax of the Environment and Planning Appeals Tribunal Regulations, 2018.

A.L. 395 tal-2018: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żoni Pedonali fil-Belt Valletta.

L.N. 395 of 2018: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Valletta Pedestrian Zones (Amendment) Regulations, 2018.

A.L. 396 tal-2018: Kodiċi Ċivili (Kap. 16); Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Emenda Nru 2).

L.N. 396 of 2018: Civil Code (Cap. 16); Continuation of Tenancies (Means Testing Criteria) (Amendment No. 2) Regulations, 2018.

Is-27 ta' Novembru, 2018

27th November, 2018

**Nru. 1393**

### ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta'

**No. 1393**

### ORDER OF THE PARLIAMENT MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice, Culture and Local Government has made this Order whereby

Adozzjoni datata 21 ta' Ġunju, 2018, mogħtija mill-Onorabbli Mħallef Amit M. Shete tal-Qorti Distrettwali f'Kolhapur, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Owen Bonnici
*Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali*

Is-27 ta' Novembru, 2018

**Nru. 1394**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA**

**Skema Fishing for Litter**

*Data tal-ftuħ tal-applikazzjonijiet: 12/11/2018*
*Data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet: 14/12/2018*

**1. Għan tas-sejħa pubblika**

ID-DIPARTIMENT tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA) fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima (MESDC), iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-'Awtorità Kontraenti', qiegħed b'dan jippubblika din is-sejħa bil-għan li jidentifika persuni eliġibbli biex jipparteċipaw fi ħdan l-iskema Fishing for Litter matul l-istaġuni tas-sajd tat-tkarkir tal-qiegħ minn Jannar sa Diċembru 2019. L-applikanti għandu jkollhom liċenzja tas-sajd valida u jkunu awtorizzati biex joperaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Dawn is-servizzi jiġu pprovduti matul il-perjodu tas-sena msemmija l-aħħar. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, il-ftehim mal-lista magħżula ta' applikanti li jirnexxu jista' jiġġedded fuq bażi annwali taħt l-istess termini u kundizzjonijiet.

1.2 Ir-rendiment mhux sodisfaċenti jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-ftehim skont il-proċeduri stabbiliti u l-prattika tajba.

1.3 Ir-referenzi kollha għal kwalunkwe sess partikolari għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu u jinkludu s-sess l-ieħor.

**2. Regoli u Regolamenti Applikabbli**

L-applikant/i magħżul/a għandu/hom jiġi/u pprovdut/i b'Jumbo Bags vojta minn Waste Serve Malta Ltd mingħajr ħlas. Dawn se jintużaw mill-applikanti magħżula biex jiġbru l-iskart tal-plastik li jiġi rkuprat inċidentalment mill-baħar matul l-attivitajiet tas-sajd normali tat-tkarkir tal-qiegħ. Ladarba tali Jumbo Bag ikun ġie mimli bil-ħmieġ tal-plastik tal-baħar, l-applikant għandu jinforma lid-Dipartiment tas-Sajd

the Adoption Order dated 21st June, 2018, issued by the Honourable Judge Amit M. Shete of the District Court of Kolhapur, India, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Owen Bonnici
*Minister for Justice, Culture and Local Government*

27th November, 2018

**No. 1394**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE**

**Fishing for Litter Scheme**

*Opening Date for applications: 12/11/2018*
*Closing Date for applications: 14/12/2018*

**1. Objective of public call**

THE Department of Fisheries and Aquaculture (DFA) within The Ministry for Enviornment, Sustainable Development and Climate Change (MESDC) hereinafter referred to as the 'Contracting Authority', is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible persons to participate within the Fishing for Litter scheme during the bottom trawling fishing seasons from January to December 2019. Applicants must be in possession of a valid fishing licence and be authorised to operate bottom otter trawls. These services will be provided during the period of the latter mentioned year. After expiry of this period, the agreement with the selected list of successful applicants may be renewed on an annual basis under the same terms and conditions.

1.2 Unsatisfactory performance may lead to the termination of the agreement according to established procedures and good practice.

1.3 All references to any particular gender shall be construed to refer and include the other gender.

**2. Applicable Rules and Regulations**

The selected applicant/s shall be supplied with empty Jumbo Bags by Waste Serve Malta Ltd free of charge. These will be used by the selected applicants to collect plastic litter that is recovered incidentally from the sea during normal bottom trawling fishing activities. Once such a Jumbo Bag has been filled with marine plastic litter, the applicant is to inform the Department of Fisheries and Aquaculture that a

u l-Akkwakultura li Jumbo Bag se jinħatt f'wieħed mis-siti ta' ġbir magħżula kif jista' jiġi stipulat mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura minn ħin għal ħin. Din in-notifika għandha sseħħ fl-istess ħin man-notifika obbligatorja li l-bastiment qiegħed jirritorna f'port mill-attività tas-sajd. Matul l-inżul, uffiċjal tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura se jkun preżenti, jagħmel verifiki kif jista' jkun meħtieġ u jdaħħal annotazzjoni fuq il-Fishing Litter Form kif ipprovdut mill-istess Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u miżmum mill-Fornitur tas-Servizz biex jikkonferma l-inżul. Sostituzzjoni tal-Jumbo Bags vojta tista' tingabar mill-bini tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

L-applikanti magħżula għandhom jaġixxu fl-aspetti kollha skont l-istruzzjonijiet u d-direzzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) jew ir-rappreżentant tiegħu.

**3. Tul tal-Ftehim u Ħlas**

3.1 Il-perjodu tal-ftehim għandu jibda fil-jum tal-ittra uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li jinnotifika l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

3.2 Fit-tmiem tal-istaġun tas-sajd, il-fornitur tas-servizz għandu jippreżenta l-Fishing Litter Form/s lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Il-ħlas se jkun ipproċessat ibbażat fuq din is-sottomissjoni. Għal kull Jumbo Bag li jinħatt l-art, mimli sewwa bl-iskart tal-baħar irkuprat, il-Fornitur tas-Servizz ser jitħallas €200. Il-ħlas isir fuq bażi annwali permezz tal-ħruġ ta' pagamenti ta' ċekk jew depożitu dirett fil-kont bankarju tagħhom.

3.3 L-Awtorità Kontraenti tirriżerva d-dritt li tannulla l-proċedura ta' Espressjoni ta' Interess (EOI) u tirrifjuta l-applikazzjonijiet kollha mingħajr ma teħel l-ebda responsabbiltà għall-applikanti affettwati. Meta tagħmel dan, l-Awtorità Kontraenti m'għandha tkun responsabbli li tagħti l-ebda raġuni.

**4. Terminazzjoni tas-Servizzi**

4.1 It-terminazzjoni tas-servizzi għandha tiġi pprovduta fl-ittra ta' aċċettazzjoni qabel il-bidu tas-servizzi.

4.2 Jekk oġġetti oħra għajr il-ħmieġ tal-plastik tal-baħar jiġu depożitati fil-Jumbo Bags li jinħattu l-art, il-ftehim ma' dak l-applikant partikolari jista' jintemm minnufih.

**5 Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà:**

Fil-ħin tal-applikazzjoni, l-applikanti prospettivi għandhom ikollhom liċenzja tas-sajd valida maħruġa mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u jkunu awtorizzati biex joperaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ.

Jumbo Bag will be landed at one of the designated collection sites as may be stipulated by the Department of Fisheries and Aquaculture from time to time. This notification is to happen simultaneously with the mandatory notification that the vessel is returning to port from fishing activity. On landing, a Department of Fisheries and Aquaculture official will be in attendance, make checks as may be necessary and insert an entry on the Fishing for Litter Form as provided by the same Department of Fisheries and Aquaculture and held by the Service Provider to confirm the landing. Replacement empty Jumbo Bags may be collected from the Department of Fisheries and Aquaculture.

The selected applicants shall act in all respects according to instructions and direction as given by the Director General (Department of Fisheries and Aquaculture) or his delegated representative.

**3. Duration of Agreement and Payment**

3.1 The agreement period shall commence on the day of the official letter from the Department of Fisheries and Aquaculture notifying the acceptance of the application.

3.2 At the end of the fishing season, the service provider should submit the completed Fishing for Litter Form/s to the Department of Fisheries and Aquaculture. Based on this submission, payment will be processed. For each Jumbo Bag landed, filled tightly with recovered marine litter, the Service Provider will be paid €200. Payment will be effected on an annual basis through the issuing of cheque payments or direct deposit in their bank account.

3.3 The Contracting Authority reserves the right to annul the Expression of Interest (EOI) procedure and reject all applications without thereby incurring any liability to the affected applicants. In so doing, the Contracting Authority shall not be liable to give any reason whatsoever.

**4. Termination of Services**

4.1 Termination of services shall be provided for in the letter of acceptance prior to commencement of services.

4.2 Should items other than marine plastic litter be deposited in the Jumbo Bags landed, the agreement with that particular applicant may be terminated forthwith.

**5 Eligibility Requirements:**

At the time of application, prospective applicants must be in possession of a valid fishing licence issued by the Department of Fisheries and Aquaculture and be authorised to operate bottom otter trawls.

**6. Proċedura ta’ Applikazzjoni**

6.1 Formoli ta’ applikazzjoni mimlija kif suppost (li jridu jinġabru mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) għandhom jiġu depożitati bl-idejn fil-kaxxa tal-offerti pprovduta fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura sal-ħin u d-data tal-għeluq indikati fin-naħa ta’ fuq ta’ dan l-avviż.

6.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq, l-applikazzjonijiet KOLLHA għandhom ikunu depożitati fiżikament fil-kaxxa tal-offerti pprovduta fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. Fil-każ li s-sejħa għall-applikazzjonijiet tiġi estiża mill-Awtorità Kontraenti, il-ħin u d-data l-ġdida għandhom jiġu kkunsidrati bħala d-data ta’ sottomissjoni (ġdida). Kwalunkwe applikazzjoni mwassla/riċevuta wara l-iskadenza tal-ħin u d-data tal-għeluq għandha titqies bħala sottomissjoni tard. Is-sottomissjonijiet tard m’għandhomx jiġu aċċettati.

6.3 Is-sottomissjonijiet għandhom jinżammu f’pakkett/envelop issiġillat bin-Numru tal-Avviż immarkat b’mod ċar fuq barra tal-pakkett/envelop u sottomess jew permezz ta’ kunsinna rreġistrata (servizz uffiċjali tal-posta/*courier*), jew mogħtija bl-idejn u fil-każijiet kollha depożitati fit-Tender Box fl-indirizz ta’ hawn fuq. Kwalunkwe metodu ieħor ta’ sottomissjoni m’għandux jiġi aċċettat.

**7. Notifika ta’ aċċettazzjoni għal Servizz**

L-Awtorità Kontraenti għandha tinnotifika bil-miktub lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata.

**8. Emendi għall-Iskema**

Kwalunkwe emendi meħtieġa għal din l-iskema għandhom isiru billi ssir pubblikazzjoni tal-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-27 ta’ Novembru, 2018

**Nru. 1395**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA**

**Skema ta’ Restawr tad-Dgħajsa**

DIN l-iskema għandha tgħin fil-preservazzjoni kulturali tal-flotta lokali tas-sajd u hija mmirata lejn il-kategoriji professjonali (MFA/MFB). Bastimenti tas-sajd tal-injam irreġistrati, liema sena tal-kostruzzjoni hija qabel l-2007 (is-sena bażi ġiet inkluża wkoll). Il-bastimenti reġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta’ bastiment huwa jew: Firilla, Frejgatina, Kajjik u Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli. Apparti mill-aspetti finanzjarji u settorali, dawn il-bastimenti għandhom ukoll valur kulturali u storiku u għalhekk għandhom jiġu ppreservati.

**6. Application Procedure**

6.1 Properly filled application forms (to be collected from the Department of Fisheries and Aquaculture) must be deposited by hand in the tender box provided at the Department of Fisheries and Aquaculture by the closing time and date indicated at the top of this notice.

6.2 By the closing time and date, ALL applications must be physically deposited in the tender box provided at the Department of Fisheries and Aquaculture. In the event that the Contracting Authority extends the call for applications, the new time and date will be construed to mean the (new) submission date. Any application delivered/received after the lapse of the closing time and date shall be considered as a late submission. Late submissions shall not be accepted.

6.3 Submissions shall be contained in a sealed package/envelope with the Advert Number clearly marked on the outside of the package/envelope and submitted either by recorded delivery (official postal/courier service), or hand delivered and in all instances deposited in the Tender Box at the above address. Any other method of submission shall not be accepted.

**7. Notification of acceptance for Service**

The Contracting Authority shall notify in writing the successful applicant that his/her application has been accepted.

**8. Amendments to the Scheme**

Any necessary amendments to this scheme shall be made by publishing the said amendments in the Government Gazette.

27th November, 2018

**No. 1395**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE**

**Boat Restoration Scheme**

THIS scheme shall help in the cultural preservation of the local fishing fleet and is aimed at the professional categories (MFA/MFB). Registered wooden fishing vessels which year of construction dates prior to 2007 (base year also included). Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik and Luzzu, shall be considered as being eligible. Apart from financial and sectorial aspects, these vessels have also a cultural and historical value and should therefore be preserved.

**1. Definizzjonijiet**

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għas-Sajd u l-Akkwakultura.

"Sid/ien" tfisser il-persuna nnifisha jew persuna/i legali li taħtha hija rreġistrata bħala propretarju (il-persuna li għandha d-dritt tal-pussess) tal-bastiment tas-sajd.

"Applikant" għandu l-istess tifsira bħal "sid".

**2. Min hu eliġibbli għal tali assistenza?**

Sid/ien ta' bastiment/i tas-sajd li huma magħmula kompletament mill-injam, huma rreġistrati fil-kategoriji professjonali (MFA/MFB), liema sena ta' kostruzzjoni kienet l-2007 jew qabel. Il-bastimenti rreġistrati MFA jew MFB biss, liema tip ta' bastiment huwa jew: Firilla, Frejgatina, Kajjik u Luzzu, għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

Din il-miżura se tiġi implimentata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna "de minimis" fis-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p.45). Id-DFA għandu jitlob għal dikjarazzjoni ffirmata mill-impriża kkonċernata dwar kwalunkwe għajnuna 'de minimis' oħra li ġiet riċevuta) matul is-sentejn fiskali preċedenti u s-sena fiskali kurrenti. L-applikazzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli sakemm ma jintlaħqux id-dispożizzjonijiet regolatorji ta' hawn fuq.

**3. Kif il-persuna takkwista d-dritt għal din l-għajnuna?**

Sidien tal-bastimenti eliġibbli għandhom jimlew Formola tal-Applikazzjoni biex jirreġistraw formalment l-interess tagħhom f'din l-iskema. Id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni kollha għandhom jiġu pprovduti skont l-istruzzjonijiet mogħtija fil-Formola tal-Applikazzjoni.

L-applikanti interessati huma mħeġġa biex jimlew il-Formola tal-Applikazzjoni mehmuża u joħduha personalment lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura mhux aktar tard mill-14/12/2018, sakemm mhux innotifikat mod ieħor mid-Dipartiment.

L-applikanti eliġibbli u mhux eliġibbli kollha se jkunu nnotifikati permezz ta' ittra uffiċjali.

**1. Definitions**

In this scheme, unless the context requires otherwise:

"Minister" means the Minister responsible for the Environment, Sustainable Development and Climate Change.

"Director" means the Director responsible for Fisheries and Aquaculture.

"Owner/s" means the natural or legal person/s under whom the ownership of a fishing vessel is registered.

"Applicant" carries the same meaning as "owner".

**2. Who is eligible for such assistance?**

Owner/s of fishing vessel/s which are made entirely of wood, are registered in the professional categories (MFA/MFB), which year of construction was 2007 or earlier. Only MFA or MFB registered vessels, which vessel type is either a: Firilla, Frejgatina, Kajjik and Luzzu, shall be considered as being eligible.

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June 2014 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45). The DFA shall request for a signed declaration from the undertaking concerned about any other de minimis aid received during the previous two fiscal years and the current fiscal year. Applications shall not be considered as eligible unless the above regulatory provisions are met.

**3. How does a person acquire the right for this assistance?**

Eligible vessel owners should fill in an Application Form to formally register their interest in this scheme. All declarations and documentation should be provided as per instructions provided in the Application Form.

Interested applicants are encouraged to fill in the attached Application Form and then return it by hand to the Department of Fisheries and Aquaculture by not later than the 14/12/2018, unless otherwise notified by the DFA.

All eligible and non eligible applicants shall be notified via an official letter.

Il-pagamenti għandhom jiġu pproċessati f'żewġ (2) lottijiet, wara s-sottomissjoni ta' rċevuti fiskali dettaljati u validi.

Wara l-ivverifikar tal-irċevuti, ċekk li jammonta biss għan-nefqa eliġibbli jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura lill-applikant. L-applikanti għandhom jiġu notifikati bil-posta biex jiġbru ċ-ċekk personalment mid-Dipartiment.

**4. Kif tiġi kkalkulata l-għajnuna**

L-allokazzjoni finanzjarja massima se tkun ikkalkulata fuq it-tul tal-bastiment irreġistrat f'metri skont il-kategoriji ta' tul definiti skont l-iskeda ta' hawn taħt. Fl-ebda ċirkostanza m'għandu l-valur tal-appoġġ massimu rċevut jaqbeż il-valur stipulat. Il-valur totali tal-irċevuti mibgħuta għandhom ikunu limitati għal dan il-limitu definit minn qabel.

Kategorija 1:00–05.99M - €1,300 (Sapport Massimu)
Kategorija 2:06–11.99M - €2,700 (Sapport Massimu)

Wara t-tieni/l-aħħar sottomissjoni tal-irċevuti, applikanti eliġibbli m'għandhomx ikunu intitolati bl-ebda mod għal kwalunkwe bilanċ pendenti mhux mitlub.

Sid/ien tal-bastiment fil-pussess ta' aktar minn bastiment eliġibbli wieħed għandu jkun intitolat li japplika għal kull bastiment, liema sostenn finanzjarju għandu jkun ikkalkulat skont l-istess prinċipji kif stipulat fl-iskeda ta' hawn fuq, skont il-kategorija applikabbli.

L-Għotja tista' tiġi użata/applikata darba biss (għal kull bastiment), mill-applikant (persuna jew persuni reġistrati) li għandhom il-bastiment.

F'każ ta' bżonn, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirriżerva d-dritt li jirrevedi it-total massimu tas- sapport eliġibbli.

**5. Fhiex tikkonsisti l-assistenza?**

Din il-miżura se tiġi implimentata skont ir-regolament tal-Kummissjoni (UE) 717/2014 tas-27 ta' Ġunju, 2014, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45).

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili biss għandha titqies bħala eliġibbli:

Żebgħa dekorattiva, protettiva u *antifouling* (jew simili);
Folji tal-injam solidi, laminati, *plywood* u planki tal-injam (jew simili);

Payments shall be processed in two (2) batches, following the submission of itemised, valid fiscal receipts.

Following the vetting of receipts received, a cheque totalling only the eligible expenditure shall than be issued by the Department of Fisheries and Aquaculture to the applicant. Applicants shall be notified by post to collect this cheque in person from the Department.

**4. How support is calculated**

The maximum financial allocation shall be calculated on the registered vessel length in meters as per below pre defined length categories, each having a corresponding financial value. In under no circumstance shall the value of maximum support received exceed the stipulated value. The total value of receipts submitted shall be capped to this pre-defined limit.

Category 1: 00–05.99M - €1,300 (Max. Support)
Category 2: 06–11.99M - €2,700 (Max. Support)

Following the second/last submission of receipts, eligible applicants shall not be entitled in any manner for any pending unclaimed balance.

Vessel owner/s in possession of more than one eligible vessel shall be entitled to apply for multiple vessels, which financial support shall than be calculated following the same principles as stipulated in the above schedule, depending on the applicable category.

The Grant can only be availed of/applied for once (per vessel), by the applicant (registered person/s) owning the vessel/s.

The DFA reserves the right to revise the total eligible maximum support value if required.

**5. What does such assistance consist of?**

This measure will be implemented in line with the provisions of the Commission Regulation (EU) No 717/2014 of 27 June, 2014, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid in the fishery and aquaculture sector (OJ L 190, 28.6.2014, p. 45).

Only the following or similar expenditure shall be considered as being eligible:

Decorative, protective and antifouling paint (or similar);
Solid, laminated, plywood wood sheets and planks (or similar);

Imsiemer tar-ram, boltijiet, *rivets* u viti (jew simili);
Kolla, *epoxy*, siġillant (*sealant*) u *caulking* (jew simili);
Spejjeż diretti tax-xogħol (sa massimu ta' 20% tal-ammont totali eliġibbli bħala sapport.

In-nefqa li ġejja jew nefqa simili għandha titqies bħala mhux eliġibbli:

Tagħmir u apparat (jew simili);
Partijiet tal-magna, żjut tal-magna, lubrikanti (jew simili);
Għodda tal-enerġija u għodda tal-idejn (jew simili);

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jirriżerva d-dritt li jiddetermina l-eliġibbiltà tal-irċevuti/nefqa mitluba sottomessi, skont il-parametri stipulati hawn fuq. L-eliġibbiltà tan-nefqa kollha għandha tkun suġġetta għall-iskrutinju, l-interpretazzjoni u l-aċċettazzjoni tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. In-nefqa ddefinita bħala eliġibbli jew mhux eliġibbli mid-Dipartiment għandha titqies bħala finali.

Il-verżjoni Ingliża tal-Applikazzjoni kif ukoll tat- Termini u l-Kundizzjonijiet jieħdu preċedent f'każ ta' konflitt jew interpretazzjoni fuq dik tal-lingwa Maltija.

**6. Kif għandha titħallas?**

Pagament b'ċekk li jlaħħaq biss in-nefqa eliġibbli għandu jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura lill-applikant. L-applikanti għandhom jiġu nnotifikati bil-posta biex jiġbru ċ-ċekk personalment mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Dan iċ-ċekk se jkun validu għal perjodu ta' xahrejn mid-data tal-ħruġ.

Is-sidien tal-bastiment/i reġistrati li jibbenefikaw minn din l-iskema ma jistgħux jiddekommissjonaw il-bastiment tagħhom għal perjodu ta' 5 snin wara d-data ta' aċċettazzjoni ta' appoġġ, sakemm is-sostenn riċevut ma jitħallasx lura lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura mill-applikant/sidien li jibbenefikaw minn din l-iskema. Jekk waqt il-perjodu ta' 5 snin il-bastiment/i jiġi/u mibjugħ/a jew trasferit/i, l-applikant oriġinali jibqa' legalment responsabbli mill-azzjonijiet imwettqa.

**7. Kull meta tingħata informazzjoni falza jew Nuqqas ta' konformità mad-Dispożizzjonijiet tal-Iskema**

Kwalunkwe dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet foloz għandhom jiġu definiti bħala reat kriminali. L-applikant għandu jinżamm personalment responsabbli biex jirritorna lura kwalunkwe flus riċevuti, jekk il-pagamenti kienu diġà ġew ipproċessati. Wieħed ikun awtomatikament skwalifikat mill-iskema. Din il-klawsola m'għandhiex limitu ta' żmien applikabbli u għandha tibqa' fis-seħħ b'mod indefinit.

Copper nails, bolts, rivets and screws (or similar);
Glues, epoxy, sealant and caulking (or similar);
Direct labour costs (up to a maximum of 20% of the total eligible support)

The following or similar expenditure shall be considered as being non eligible:

Equipment (or similar);
Engine parts, engine oils, lubricants (or similar);

Power tools and hand tools (or similar);

The Department of Fisheries and Aquaculture reserves the right to determine the eligibility of submitted receipts/claimed expenditure, as per parameters stipulated above. All expenditure eligibility shall be subject to the scrutiny, interpretation and acceptance of the Department of Fisheries and Aquaculture. Expenditure defined as being eligible or non eligible by the Department shall be deemed as final.

The English version of both the Application Form and the Terms and Conditions shall prevail in case of conflict or interpretation with the Maltese version.

**6. How shall it be paid?**

A cheque totalling only the eligible expenditure shall be issued by the Department of Fisheries and Aquaculture to the applicant. Applicants shall be notified by post to collect this cheque in person from the Department of Fisheries and Aquaculture.

This cheque will be valid for a period of two months from the date of issue.

Registered vessel owner/s benefitting from this scheme cannot decommission their vessel for a period of 5 years following the date of acceptance of support, unless support received is entirely refunded back to the Department of Fisheries and Aquaculture by the applicant / owners benefitting from this scheme. If during the 5 year period the boat is sold or transferred, the original applicant/owner shall still remain legally responsible of actions incurred.

**7. Whenever false information is given or failure to conform to the Provisions of the Scheme**

Any false declaration/s shall be defined as being a criminal offence. The applicant shall be held personally liable to return back any monies received, if payments would have already been processed. One will also be automatically disqualified from the scheme. This clause does not have an applicable time limit and shall remain in force indefinitely.

**8. Tul ta' żmien tal-iskema**

Din hija skema ta' darba li għandha tiġi varata, implimentata u konkluża bejn is-sena 2018 u l-2020.

L-irċevuti għandhom jitqiesu biss bħala validi jekk in-nefqa mġarrba/id-data tal-wasla taqa' bejn it-12/11/2018 u t-12/11/2019.

**9. Emendi għall-iskema**

Il-Ministru għandu jagħmel l-emendi meħtieġa għal din l-iskema billi jippubblika l-imsemmija emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-27 ta' Novembru, 2018

**8. Duration of the scheme**

This is a one-time scheme which shall be launched, implemented and concluded between the year 2018 and 2020.

Receipts shall only be considered as valid if the expenditure incurred/receipt date falls between the period 12/11/2018 and 12/11/2019.

**9. Amendments to the scheme**

The Minister shall make the necessary amendments to this scheme by publishing the said amendments in the Government Gazette.

27th November, 2018

**Nru. 1396**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 1396**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)**

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal liċenza bħala Aġenzija ta' Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard Agency*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Rosario Cutuli | 446316L | **Private Address:**<br>Garden, Blk C , Flat 5<br>Triq Ġdida fi Triq il-Port Ruman<br>San Pawl il-Baħar<br><br>**Agency Address:**<br>Alpha Tau Security Ltd<br>Lucky Place, Flat 1<br>Room 1<br>Triq il-Kbira<br>Il-Mosta |

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of Private Guards*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta tal-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Ayesha Ali Ahmad | 118311A | Luna Blk B, Flat 4, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa |
| Ivan Mifsud | 260774M | 4, Elation, Triq l-Għerien, Il-Mellieħa |

| | | |
|---|---|---|
| Sharon Cutajar | 456278M | Blk M, Flat 10, Triq iż-Żnuber, Santa Luċija |
| Robert-Philip Bonello | 790757M | Cleo Crt B, Penthouse, Triq Turu Rizzo, Il-Gżira |
| Samantha Agius K/A Zahra | 396600L | 22, Triq l-Immakulata, Bormla |
| Charlton Farrugia | 196195M | 24, Triq Iċ-Ċimiterju, Paola |
| Anthony Vella | 644862M | 56, Maria Bambina, Triq Il-Garni, Il-Mellieħa |
| Zoran Maric | 202403A | Salina Park, Blk 1, Flat 2, Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Baħar |
| Ismael Milad Mai Camilleri K/A Pirotta | 84499M | 5, Blk XIII Flat 2, Triq Wiġi Rosato, Bormla |
| Milos Trenkic | 201247M | Triton Mans D16, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar |
| Grazio Borg | 36279M | 167, Victoria Crt Flat 2, Triq Ħad-Dingli, Ir-Rabat |
| Simon Vella | 89666M | 7, Triq Manwel Buhagiar, Pembroke |
| Jason Zammit | 148673M | High Cliffs Flat 1, Triq it-Turretta, Ħad-Dingli |
| John Seychell | 347278M | Wallaby Flat 3, Triq San Ġorġ, Ħal Safi |
| Sandra Mizzi | 109873M | 12, Palm Dove, Triq l-Ispnar, L-Imqabba |
| Glen Micallef | 215288M | 145, Bonheur, Flat 2, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà |
| Nicholas Camilleri | 12598M | Blue Heaven, Blk C, Flat 4, Triq il-Barrieri, Iż-Żurrieq |
| Kezia Schembri | 93898M | 55 Keimir, Triq il-Kus, Ħal Qormi |
| Silvan Zerafa | 23291G | 73, Zerafa Hse, Triq ir-Ramla, In-Nadur, Għawdex |
| Benjamin Azzopardi | 469895M | 9, Triq San Nikola, Is-Siġġiewi |
| Elinor Inga Lill Svensson Moller | 60127A | 24, Triq l-Għajn, Il-Belt Valletta |
| Charlton John Cassar | 200698M | Blk 3, Flat 2, Triq Betta, Ħal Tarxien |
| Ronnie (Nazzareno) Vella | 131270M | Daniel Crt Flat 4B, Triq il-Granmastri, Marsaskala |
Avviż Nru. 40. Għotja b’ċens temporanju, għal perjodu ta’ ħamsa u erbgħin (45) sena, *tale quale* fl-istat li jinsab fih u inkluż kwalunkwe difetti moħbija, tal-Fond b’Nru. 70, Triq il-Katidral, Tas-Sliema muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2014_725. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b’*Bid-Bond* ta’ €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta’ disat elef ewro (€9,000) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta’ €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 41. Kiri *tale quale* ta’ Ħanut f’Nri 1 u 2, fi Triq il-Ġilju, Santa Luċija muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_82_111_B. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b’*Bid-Bond* ta’ €870 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta’ erbat elef tliet mija u tmien ewro (€4,308) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta’ €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 42. Kiri *tale quale* tal-Ħanut ‘B’ fi Block ‘2B’ Gżira Complex, Triq il-Gżira, Il-Gżira muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.29_87_7. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b’*Bid-Bond* ta’ €520 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta’ elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta’ €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 43. Kiri *tale quale*, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fit-22 ta’ Mejju, 2020, tal-Ħanut vojt Nru. 12 (qabel Nru. 11) Triq Ineż Soler, Santa Luċija, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.11_82_101_B.

be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty thousand euro (€50,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 39. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of forty-five (45) years, tale quale in its present state and including any latent defects of the Premises at No. 12, Triq l-Oratorju, Bormla, as shown edged in red on plan P.D.2018_0262. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and one hundred euro (€1,100) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 40. Grant on a temporary emphyteusis, for a period of forty-five (45) years, tale quale in its present state and including any latent defects of the Premises at No. 70, Triq il-Katidral, Tas-Sliema, as shown edged in red on plan P.D. 2014_725. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine thousand euro (€9,000) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 41. Lease tale quale of a Shop at Nos 1 and 2, Triq il-Ġilju, Santa Luċija as shown edged in red on plan P.D.11_82_111_B. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €870 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand three hundred and eight euro (€4,308) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 42. Lease tale quale of Shop ‘B’ Block ‘2B’ Gzira Complex, Triq il-Gżira, Gżira as shown edged in red on plan P.D.29_87_7. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €520 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and six hundred euro (€2,600) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 43. Lease tale quale for the remaining period of the present lease which ends on the 22nd May, 2020, of the bare Shop No. 12 (formerly No. 11) Triq Ineż Soler, Santa Luċija, as shown edged in red on the plan P.D. 11_82_101_B.

Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja.

Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef tliet mija u tmenin ewro (€4,380) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din it-*tender* hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas id-dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

Is-27 ta' Novembru, 2018

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chief Executive Officer*, l-Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

**Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Diċembru, 2018, fl-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, se jintlaqgħu offerti magħluqin għal:**

Espressjoni ta' Interess (EOI) għal Kumpanija tal-Verifika għall-Verifika tar-Rapporti Finanzjarji tal-Awtorità tad-Djar

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jistgħu jinkisbu biss u jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Awtorità tad-Djar (http://www.housingauthority.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda fuq il-kwotazzjoni jistgħu jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Awtorità.

L-Awtorità żżomm d-dritt li tirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Novembru, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti), fil-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 17 ta' Diċembru, 2018. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għal:**

CFT 020-1222/18. *Cement pressuriser for femoral canal*
CFT 020-1223/18. *5mm Endoscpic multiclip applier*
CFT 021-1224/18. *MCT Procal 16g sachets*

Present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease.

Offers below the amount of four thousand three hundred and eighty euro (€4,380) per annum will not be considered. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should only be made on the prescribed form, which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

27th November, 2018

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

**Sealed offers will be received at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by noon of Monday, 3rd December, 2018, for:**

Expression of Interest (EOI) for the Provision of an Auditing Firm to Audit Financial Statements of the Housing Authority

The quotation document is free of charge and can be downloaded from the website of the Housing Authority (http://www.housingauthority.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and are available to view and download from this same website.

The Housing Authority reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

27th November, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), in the Ministry for Health notifies that:

**Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Monday, 17th December, 2018. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:**

CFT 020-1222/18. Cement Pressuriser for femoral canal
CFT 020-1223/18. 5mm Endoscpic multiclip applier
CFT 021-1224/18. MCT Procal 16g sachets

CFT 027-1225/18. *Microplates*
CFT 020-1226/18. *Mucus extractions (trap specimen containers)*
CFT 020-1227/18. *Diathermy lead*
CFT 020-1228/18. *Nasogastric bags*

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System (*www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista’ jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-e-ID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f’dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista’ jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-27 ta’ Novembru, 2018

CFT 027-1225/18. Microplates
CFT 020-1226/18. Mucus extractions (trap specimen Containers)
CFT 020-1227/18. Diathermy lead
CFT 020-1228/18. Nasogastric bags

These tender documents are free of charge.

Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tenders at the times and dates specified above.

27th November, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali – *Sourcing and Supply Chain Management* (CPSU) għall-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

**Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-offerta li ġejja jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta’ nhar il-Ġimgħa, 14 ta’ Diċembru, 2018. It-Talbiet għall-Parteċipazzjoni għandhom jintbagħtu BISS b’ittra elettronika lil (negotiation.cpsu@gov.mt).**

RFP Nru. 009-60056/18. Provvediment ta’ servizzi ta’ manutenzjoni fuq *medical gas piped system* u *laboratory gas piped system* fl-Isptar Mater Dei u ċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.

Is-*Central Procurement and Supplies Unit Request for Participation* jista’ jitniżżel minn (https://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Procurment/Published-Calls.aspx).

Is-27 ta’ Novembru, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director – Sourcing and Supply Chain Management (CPSU) for the Ministry for Health notifies that:

**Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 14th December, 2018. Requests for Participation are to be submitted ONLY via email (negotiation.cpsu@gov.mt).**

RFP No. 009-60056/18. Provision of maintenance services on the medical gas piped system and the laboratory gas piped system at Mater Dei Hospital and Sir Anthony Mamo Oncology Centre.

The above Central Procurement and Supplies Unit Requests for Participation can be downloaded from (https://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Procurment/Published-Calls.aspx).

27th November, 2018

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti), fil-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

**Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-offerta li ġejja jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta’ nhar it-Tlieta, 18 ta’ Diċembru, 2018. It-Talbiet għall-Parteċipazzjoni għandhom jintbagħtu BISS b’ittra elettronika lil (negotiation.cpsu@gov.mt).**

RFP Nru. 021-60057/18. *Hydrocortisone Butyrate in a fatty cream base.*

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Chief Executive Officer (Procurement and Supplies), in the Ministry for Health notifies that:

**Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 18th December, 2018. Requests for Participation are to be submitted ONLY via email (negotiation.cpsu@gov.mt).**

RFP No. 021-60057/18. Hydrocortisone Butyrate in a fatty cream base.

Is-*Central Procurement and Supplies Unit Request for Participation* jista' jitniżżel minn (http://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Request-for-Participation-(RFPs).aspx).

Is-27 ta' Novembru, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Outdoor Gym Equipment fil-Kumpless taż-Żgħażagħ f'Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, teħtieġ servizz minn kuntratturi sabiex jinxtara u jitwaħħal *outdoor gym equipment* fil-bitħa interna tal-Kumpless taż-Żgħażagħ fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR1013.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli mis-sit elettroniku tal-Aġenzija Żgħażagħ (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

Sottomissjoni dettaljata (*itemised submission*), inkluż informazzjoni dwar il-materjal propost li jiġi użat, kampjuni tiegħu, flimkien mal-offerta finanzjarja inkluża l-VAT, jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelop issiġillat għall-attenzjoni tas-Sa Rowena M. Borg sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 19 ta' Diċembru, 2018.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand is-Sa Rowena M. Borg fuq 2258 6700 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m., jew b'ittra elettronika lil (rowena-marie.borg@gov.mt).

Is-27 ta' Novembru, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Tikħil minn Barra u Siġillar ta' Aperturi tas-Swali tal-Kumpless taż-Żgħażagħ f'Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, teħtieġ servizz minn kuntrattur sabiex ikun jista' jsir xogħol ta' tikħil minn barra u siġillar ta' aperturi tas-swali tal-Kumpless taż-Żgħażagħ fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR1013.

The above Central Procurement and Supplies Unit Requests for Participation can be downloaded from (http://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Request-for-Participation-(RFPs).aspx).

27th November, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Youth Village Outdoor Gym Equipment at Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ, within the Ministry for Education and Employment, requests the services of a contractor to supply, deliver and install outdoor gym equipment in its internal yard, within Aġenzija Żgħażagħ Youth Village Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013.

More information can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ website (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

An itemised submission of labour and material including literature review of the proposed products, sample of materials to be used, together with the financial package made up of a global price VAT inclusive, is to be submitted to Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, in a sealed envelope for the attention of Ms Rowena M. Borg by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 19th December, 2018.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within seven days.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained by phone from Ms Rowena M. Borg on 2258 6700 from Monday to Friday from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. or via email to (rowena-marie.borg@gov.mt).

27th November, 2018

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

**Youth Village Outdoor Plastering and Sealing of Apertures at Aġenzija Żgħażagħ**

Aġenzija Żgħażagħ, within the Ministry for Education and Employment, requests the services of a contractor to plaster the external (outdoor) area and seal the existing back and front apertures to block rain penetration in the seminar rooms, within Aġenzija Żgħażagħ Youth Village Complex, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Żgħażagħ (www.agenzijazghazagh. gov.mt).

Sottomissjoni dettaljata (*itemised submission*), inkluż informazzjoni dwar il-materjal propost li jiġi użat, kampjuni tiegħu, flimkien mal-offerta finanzjarja inkluża l-VAT, jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f’envelop issiġillat għall-attenzjoni tas-Sa Rowena M. Borg sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 19 ta’ Diċembru, 2018.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand is-Sa Rowena M. Borg fuq 2258 6700 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m., jew b’ittra elettronika lil (rowena-marie.borg@gov.mt).

Is-27 ta’ Novembru, 2018

More information can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ website (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

An itemised submission of labour and material including literature review of the proposed products, sample of materials to be used, together with the financial package made up of a global price VAT inclusive, is to be submitted to Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013. in a sealed envelope for the attention of Ms Rowena M. Borg by not later than noon (Central European Time) of Wednesday, 19th December, 2018.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within seven days.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained by phone from Ms Rowena M. Borg on 2258 6700 from Monday to Friday from 9.00 a.m. till 5.00 p.m. or via email to (rowena-marie.borg@gov.mt).

27th November, 2018

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-Proġetti u l-Iżvilupp jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqin rigward dan l-avviż jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt.

**Sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 11 ta’ Diċembru, 2018, għal:**

Kwot. Nru. MGOZ Q 265/2018. Provvista u konsenja ta’ materjal għall-manifattura ta’ slielem ġodda għall-bajjiet ġewwa Għawdex, Sezzjoni tal-Indafa, Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex.

Id-dokument għal din il-kwotazzjoni huwa bla ħlas.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Ministeru:

(http://mgoz.gov.mt/en/Pages/Procurement/Quotations/Quotation.aspx)

Il-pubbliku jista’ jattendi waqt il-ftuħ u rreġistrazzjoni tal-kwotazzjonijiet fil-ħin u d-data msemmija aktar ’il fuq.

Is-27 ta’ Novembru, 2018

MINISTRY FOR GOZO

The Director (Projects and Development) notifies that sealed quotations in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below.

**Up to 10.00 a.m. of Tuesday, 11th December, 2018, for:**

Quot. No. MGOZ Q 265/2018. Supply and delivery of materials for the manufacture of new Beach Ladders for Beaches for the Public Cleansing, Projects and Development Directorate, Ministry for Gozo.

This quotation document is free of charge.

Quotations should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions and other documents, may be downloaded from the Ministry’s website:

(http://mgoz.gov.mt/en/Pages/Procurement/Quotations/Quotation.aspx)

The public may attend during the opening and scheduling of quotations at the time and date specified above.

27th November, 2018

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEJTUN

Il-Kunsill Lokali ż-Żejtun jgħarraf illi:

**Sas-2.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru, 2018, fil-Kunsill Lokali ż-Żejtun, jintlaqgħu offerti permezz tal-e-PPS għal:**

Avviż Nru. 06/2018. Tindif u żamma ta' toroq mhux urbani fil-lokalità taż-Żejtun, b'diversi metodi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Novembru, 2018

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

The Żejtun Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Żejtun Local Council through e-PPS, up to 2.00 p.m. on Tuesday, 18th December, 2018, for:**

Advt. No. 06/2018. Cleaning and upkeep of non urban roads in the locality of Żejtun, using various environmentally friendly methods.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th November, 2018

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

**Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-e-PPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-17 ta' Diċembru, 2018, għal:**

Avviż Nru. SNTLC 08/2018. Pavimentar mill-ġdid ta' Pjazza Santa Margerita, Ta' Sannat

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Novembru, 2018

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through e-PPS up to 9.30 a.m. on Monday, 17th December, 2018 for:**

Advt No. SNTLC 08/2018. Repaving of Pjazza Santa Margerita, Ta' Sannat

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

27th November, 2018

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1861

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fil-21 ta' Novembru, 2018 (Digriet numru 146/2018JVC, wara rikors numru 120/2018JVC) ġie kkonfermat inabilitat mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Paul Bugeja, impjegat fuq bażi part-

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the 21st of November, 2018 (Decree number 146/2018JVC following application number 102/2018JVC) Paul Bugeja, part-timer, bachelor, son of the late Emanuel Bugeja and

time, ġuvni, bin il-mejtin Emanuel Bugeja u Maria Assunta née Aquilina, imwieled ir-Rabat, Għawdex u residenti r-Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 16365G.

Dr Victor J. Bugeja, avukat, bin il-mejtin Emanuel Bugeja u Maria Assunta née Aquilina, imwieled ir-Rabat, Għawdex u residenti Birżebbuġa, Malta, detentur tal-karta tal-identità numru 44963G, u Joseph Bugeja, uffiċjal pubbliku, bin il-mejtin Emanuel Bugeja u Maria Assunta née Aquilina, imwieled ir-Rabat, Għawdex u resident r-Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 37362G, u Josephine Mary sive Josette Grillage, bankiera, mart Andrew Michael James Grillage, bint il-mejtin Emanuel Bugeja u Maria Assunta née Aquilina, imwielda r-Rabat, Għawdex u residenti r-Rabat, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 13367G, ġew bl-istess digriet nominati kuraturi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Novembru, 2018

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Maria Assunta née Aquilina, born in Rabat, Gozo and residing in Rabat, Gozo, holder of identity card number 16365G, has been confirmed incapacitated from all acts of civil life.

Dr Victor J. Bugeja, lawyer, son of the late Emanuel Bugeja and Maria Assunta née Aquilina, born in Rabat, Gozo and resides in Birżebbuġa, Malta, holder of identity card number 44963G, and Joseph Bugeja, public officer, son of the late Emanuel Bugeja and Maria Assunta née Aquilina, born in Rabat, Gozo and resides in Rabat, Gozo, holder of identity card number 37362G, and Josephine Mary sive Josette Grillage, banker, wife of Andrew Michael James Grillage, daughter of the late Emanuel Bugeja and Maria Assunta née Aquilina, born in Rabat, Gozo and resides in Rabat, Gozo, holder of identity card number 13367G, have been nominated as his curators, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction

Today 21st November, 2018

DORIANNE CORDINA
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1862

B'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell (Appelli Inferjuri) fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Ir-Reġistratur tal-Qorti (Malta) et Rikors numru 226/14 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellat Raymond Azzopardi, a tenur tat-tieni proviso tal-Artikolu 144 tal-Kap. 12 u l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet A.F. Ellis (Home Decor) Ltd (C 38050) vs Ir-Reġistratur tal-Qorti (Malta) u Raymond Azzopardi, Maria Theresa Azzopardi u Henry u Judith konjuġi Azzopardi għal kwalunkwe interess li jista' jkollhom fis-26 ta' Diċembtru, 2017, ir-rikorrenti soċjetà A.F. Ellis (Home Decor) Ltd (C 38050) ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 espona bil-qima:

Illi fir-rikors tagħha hija ppremettiet illi kienet l-attriċi fil-kawża fl-ismijiet 'A.F. Eellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et' Rikors Ġuramentat Numru 988/2008 JZM, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta' Mejju, 2014, kontra l-istess soċjetà attriċi;

Illi l-intimat Reġistratur irrilaxxa t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż u xi wħud mill-intimati l-oħra qed jirreklamaw il-ħlas skont l-istess taxxa;

By means of a decree given by the Court of Appeal (Inferior Appeals) in the records of the Application in the names A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Registrar of Courts (Malta) et, Application number 226/14 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Raymond Azzopardi, in terms of the second proviso of Article 144 of Cap. 12 and Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, presented in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the names A.F. Ellis (Home Decor) Ltd (C 38050) vs Registrar of Court (Malta) and Raymond Azzopardi, Maria Theresa Azzopardi and Henry and Judith spouses Azzopardi for any interest they may have on the 26th Decembrer, 2017, the applicant company A.F. Ellis (Home Decor) Ltd (C 38050) in terms of Article 64 of Cap. 12 respectfully pleads:

That in the applicant's application it was premised that it was the plaintiff in the cause in the names 'A.F . Ellis (Home Decor) Ltd v Raymond Azzopardi et' Sworn Application Number 988/2008 JZM, decided by the First Hall Civil Court on the 15th May, 2014, against the same plaintiff company;

That the respondent Registrar released a bill of fees and costs and some of the other respondents are claiming payment according to the same taxed bill;

Illi s-soċjetà esponenti jidhrilha illi dina t-taxxa hija esaġerata u għandha tiġi riformata u dan għas-segwenti raġunijiet:

1. Fl-ewwel lok peress illi rriżulta fil-kors tal-kawża illi l-ammont in disputa kien ta' € 6,434.70 (a fol 129) id-dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali kellhom jinħadmu ad valorem skont artikolu 13 u 14 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12. Mhux talli jidher illi l-intimat Reġistratur ma mexiex mal-imsemmija Artikoli, talli inoltre intaxxa drittijiet addizzjonali skont l-artikolu 15 tat-Tariffa E meta ma kienx il-każ. Illi jagħmel hekk stante illi tali artikolu huwa applikabbli biss fil-każ illi ma tistax issir tassazzjoni ad valorem. Dan ġab ir-riżultat illi d-dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali huwa ferm esaġerat.

2. Illi fit-tieni lok, id-dritt tal-Perit Tekniku li ġie mniżżel fit-taxxa msemmija ma ħax inkonsiderazzjoni d-digriet tal-Prim'Awla Ċivili, tas-7 ta' Mejju, 2012, illi rriformat tali taxxa u lanqas kellu jiddaħħal l-element tal-V.A.T. stante illi din ser tagħti lok għall-impożizzjoni ta' taxxa fuq taxxa.

3. Illi fi kwalunkwe każ, tali taxxa tal-Perit Tekniku hija esaġerata u hemm lok illi tiġi riformata ulterjorment kif ser jintwera fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, id-dritt tar-reġistru tal-konvenuti kellu jiġi aġġustat kif ġie dak tal-esponenti sabiex jieħu inkonsiderazzjoni l-ammont in disputa ċjoè ta' €6,434.70.

5. Illi inoltre r-rimbors dovut lill-esponenti għad-dritt tar-reġistru għandu jiżdied bl-ammont ta' €159 kif ser jintwera fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant is-soċjetà esponenti għar-raġunijiet imsemmija u għal oħrajn illi setgħu jitressqu fil-kors ta' dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti talbet ir-riforma tal-imsemmija taxxa.

Illi fir-risposta tiegħu d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, li ppreżenta fl-4 ta' Awwissu, 2014, eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok is-soċjetà rikorrenti għandha tesebixxi t-Taxxa Uffiċjali tad-Drittijiet li minnha qed tilmenta, sabiex din il-Qorti u l-partijiet kollha jkunu jistgħu jidentifikaw aħjar l-ilmenti tar-rikorrenti.

2. Illi kwantu għall-ewwel ilment fir-rikors promotur fejn is-soċjetà rikorrenti qed tilmenta mill-intaxxar tad-drittijiet tal-Avukati u fil-kawża fl-ismijiet 'A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et' bil-qima jingħad illi f'dik il-kawża kien hemm erba' talbiet. Tliet talbiet ġew intaxxati

That the interpellant company is of the opinion that this taxed bill is exaggerated and should be reformed and this for the following reasons:

1. In the first place, as it results in the course of the cause that the amount in dispute was of €6,434.70 (a fol 129), the fee of the Advocate and of the Legal Procurator had to be worked out ad valorem acccording to article 13 and 14 of Tariff E of Schedule of Cap. 12. Not only does it appear that the respondent Registrar did not proceed according to the said Articles, but furthermore he taxed the additional fees according to article 15 of Tariff E when it was not the case that he does so since such article is applicable only in the case that a taxation ad valorem cannot be made. This brought about the result that the Advocate's fee and Legal Procurator are too high.

2. That in the second place, the fee of the technical referee which was written down in the said tax did not take into consideration the decree of the First Hall Civil Court, of the 7th May, 2012, which reformed the said tax and should not have included the element of V.A.T. since this shall give place to the imposition of a tax on tax.

3. That in any case, such tax of the Technical Referee is exaggerated and there is room for further amendment as shall be shown in the course of these procedures.

4. That without prejudice to the above, the registry fee of the defendants had to be adjusted as was that of the interpellant in order to take into consideration the amount in dispute namely of €6,434.70.

5. That furthermore the reimbursement due to the interpellant for the registry fee is to be added by the amount of €159 as shall be shown in the course of these procedures.

Thus the interpellant company for the reasons mentioned and for others that shall be brought forward in the course of these procedures before the Court of First Instance asked for the amendmrent of the said tax.

That in his reply the Director Civil Courts and Tribunals which he presented on the 4th August, 2014, pleaded the following:

1. That in the first place the applicant company is to exhibit the Official Bill of Taxed fees from which it is complaining, so that this Court and all the parties can identify better the applicant's complaints.

2. That as for the first complaint in the original application whereby the applicant company is complaining of the taxing of fees of the Advocates in the cause in the names 'A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et' it is respectfully stated that in that cause there were four

bħala punt ta’ liġi jew ta’ fatt (Art 15(a) tat-Tariffa E) u talba waħda nħadmet ad valorem skont l-Artikolu 13 u 14 tal-imsemmija Tariffa.

3. Fit-tieni lment tas-soċjetà rikorrenti qed jingħad li fit-taxxa tal-Perit Tekniku ma ġiex imħares id-digriet mogħti mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta’ Mejju, 2012, fejn ġiet irriformata tali taxxa. Għal din ir-raġuni ma kellhiex issir kawża ta’ ritassa, peress li dan kien żball amministrattiv li ma kienx ser ibiddel id-drittijiet tar-reġistru, tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali.

4. Rigward it-tielet raġuni dwar taxxa tal-Perit Tekniku, ir-rimedju biex tikkontesta tali taxxa mhijiex permezz ta’ kawża ta’ ritassa iżda permezz tar-rimedju maħsub fl-artikolu 667 tal-Kap. 121.

5. Illi kwantu għar-raba’ u ħames raġunijiet dawn ukoll għandhom jiġu miċħuda peress illi fir-rikors ġuramentat inkwistjoni fl-ismijiet ‘A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et’ kien hemm talba għal-likwidazzjoni tad-danni u allura l-valur ried jiġi stabbilit fil-kors tal-kawża jew fid-deċiżjoni tal-kawża kif fil-fatt sar u d-dritt tar-reġistru mħallas mal-preżentata tar-rikors ikun dak ta’ punt ta’ liġi.

… omissis …

6. Għal dawn ir-raġunijiet kollha t-talba għar-riforma tat-taxxa għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Illi fir-risposta tagħhom Henry u Judith konjuġi Azzopardi eċċepew is-segwenti:

1. Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti ‘ratione materiae’ li tisma’ u tiddeċiedi dan ir-Rikors ta’ ritassa għaliex taxxa uffiċjali tal-kawża fl-ismijiet ‘A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et’ Rikors Ġuramenat Numru 988/2008 JZM, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta’ Mejju, 2014, tista’ tiġi attakkata quddiem l-istess Qorti Superjuri entro t-terminu stabbilit mil-liġi;

2. Illi bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fl-imsemmija kawża ġew intaxxati korrettement skont il-liġi;

3. Salv risposta uilterjuri.

Illi l-intimati appellati l-oħra baqgħu kontumaċi.

Illi permezz tas-sentenza tagħha tas-6 ta’ Diċembru, 2017, l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u dan wara illi kkunsidrat illi fil-kawża xehed ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali li spjega kif effettivament inħadmet tit-taxxa. Spjega illi l-kawża kienet ġiet oriġinarjament

claims. Three claims were taxed as a point of law or fact (Art 165(a) of Tariff E) and one claim was calculated ad valorem according to article 13 and 14 of the said Tariff.

3. In the second grievance of the applicant company it is being stated that the tax of Technical referee the decree given by the First Hall Civil Court, of the 7th May, 2012, was not abided by where the taxed bill was reformed. For this reason, a cause for the recalculation of the tax should not have been made, because this was an administrative mistake that was not going to change the registry fees and those of the Advocate and Legal Procurator.

4. Regarding the third reason regarding fee of the Technical Referee, the remedy to contest such tax is not by means of a lawsuit for the revaluation but by means of the remedy contemplated in article 667 of Cap. 121.

5. That as for the fourth and fifth reasons these also are to be rejected as in the sworn application in question in the names ‘A.F. Ellis (Home Decor) Ltd vs Raymond Azzopardi et’ there was a request for the liquidation of damages and thus the value has to be established in the course of the cause or the decision of the cause as in fact was made and the the registry fee paid with the present application is one of a point of law.

… omissis …

6. For all these reasons the request for revaluation of the taxed bills is to be rejected with costs against the applicants.

That in there reply Henry and Judith spouses Azzopardi pleaded the following:

1. In the first place this Honourable Court is incompetent ‘ratione materiae’ to hear and decided this Application for recalculation because their official tax of the cause in the names A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et, Sworn Application Number 988/2008 JZ M, decided by the First Hall Civil Court, on the 5th May, 2014, can be attacked beforer the same Superior Court within the time established by law;

2. That without prejudice to the premised and on the merit the demands of the applicant company in the said cause were correctly taxed according to law;

3. Saving a further reply.

That the respondent defendants remain in default.

That by means of its judgement of the 6th December, 2017, the Honourable Court of First Instance rejected the applicant’s demands and this after it considered that in the cause the Registrar Civil Court and Tribunals gave evidence and explained how effectively the tax was worked out. He

preżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn dak iż-żmien il-kompetenza kienet waħda li tittratta ma' kawżi fejn l-ammont ta' flus kien jeċċedi s-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu. Għalhekk ir-Reġistratur mexa skont ix-xelta tal-esponenti … omissis … Skont ir-Reġistratur, meta ħadmu t-taxxi huma mxew fuq il-minimu u għalhekk ma mxewx fuq l-ammont li in effetti ġie likwidat u dan għaliex ir-rikorrenti ppretendew li jirċievu almenu l-minimu li seta' jiġi likwidat mill-Prim'Awla. Dan qalu għaliex kieku l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet inqas kienet tippreżenta r-rikors promotur tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u mhux quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dwar it-tieni talba tar-rikorrenti u ċjoè d-dritt tal-perit tekniku li ġie mniżżel fit-taxxa esebita ma ħax inkonsiderazzjoni d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju, 2012, fejn it-taxxa ġiet riformata fejn lanqas kellu jiddaħħal l-element tal-V.A.T. u li hija wkoll esaġerata.

llli l-esponenti jħossu aggravat minn dina s-sentenza u minnha jixtieq jinterponi umli appell.

Illi l-aggravju hu manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

Illi fl-ewwel lok l-appellat Reġistratur tal-Qorti ma ta l-ebda spjegazzjoni għala ħadem it-taxxa de quo bl-aktar mod inkonsistenti fis-sens illi hu totalment inspjegabbli għala d-dritt tar-reġistru nħadem fuq l-ammont illi rriżulta fil-kors tal-kawża a fol 129 ta' €6,434.70 mentri tal-Avukat inħadem fuq il-minimu tal-komptenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

… omissis …

Illi t-tielet talba tar-rikors promotur kienet appuntu sabiex il-Qorti tikkomputa l-ammont li kellu jitnaqqas mill-prezz tal-bejgħ u ġaladarba tali ammont ma kienx determinat bilfors kellha tiġi adita l-Qorti ta' kompetenza superjuri. Illi una volta illi jiġi determinat l-ammont in disputa u ċjoè ammont stabbilit a fol 129, ir-reġistratur kellu jintaxxa d-drittijiet kollha u mhux biss dak tar-reġistru fuq l-ammont riżultanti.

… omissis …

Illi fit-tieni lok ir-Reġistratur lanqas ma kien ġustifikat illi intaxxa l-erba' talbiet separatament meta t-talbiet kollha kienu kkonkatenati u konsegwenzjali għal xulxin.

… omissis …

Illi fit-tielet lok ir-Reġistratur żbalja meta naqas illi jaġġusta d-dritt tar-reġistru tal-konvenuti pari passu mal-mod kif aġġusta d-dritt tar-reġistru tal-attur.

explained that the cause was originally presented before the Civil Court First Hall, where at that time the competence was one that deals with causes where the value exceeded the sum of eleven thousand six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents. Thus the Registrar proceeded according to the interpellant's choice … omissis … According to the Registrar when they worked out the taxed bills they proceeded on the minimum and thus they did not proceed on the amount which was in fact liquidated and this because the applicants pretended to receive at least the minimum that could be liquidated by the First Hall Civil Court. He stated this because if the applicant's claim was less he would have presented the original application before the Court of Magistrates and not before the First Hall Civil Court. Regarding the second claim of the applicant and namely the fee of the technical referee which was not included in the tax exhibited it did not take into consideration the decree of the First Hall Civil Court of the 7th of May, 2012, where the tax was reformed where there should not have been included the element of V.A.T. and which is also exaggerated.

That the interpellant felt aggrieved from this judgement and wishes to file a humble appeal therefrom.

That the grievacnce is manifest and consists in the following:

That in the first place the respondent Registrar of Court gave no explanation why he worked out the taxed bill de quo in the most inconsistent manner in the sense that it is totally unexplainable why the registry fee was worked on the amount that resulted in the course of the cause a fol 129 of €6,434.70 whilst that of the Advocate was worked out on the minium of the competence of First Hall Civil Court.

… omissis …

That the third claim in the original application was purposely so that the Court computes the amount which had to be deducted from the price of sale and once such acmount was not determined the Court of a Superior Competence had to be called. That once that the amount in dispute is determined and namely the amount established a fol 129 the Registrar had to tax all the fees and not only that of the registry on the the resultant amount.

… omissis …

That in the second place the Registrar was not justified that he taxed the four claims separately when all the claims were linked and consequential to each other.

… omissis …

That in the third place the Registrar was mistaken when he failed to adjust the registry fee of the defendants pari passu with the way he adjusted the registry fee of the plaintiff.

… omissis …

Għaldaqstant in vista tal-premess u filwaqt illi jagħmel referenza għall-provi u sottomissjonijiet ġja prodotti u jirriserva d-dritt illi jippreżenta dawk il-provi ġodda ammissibbli fil-liġi, l-esponenti bil-qima jitlob lil din l-Onorabbli Qorti trirrevoka s-sentenza msemmija tal-ewwel Onorabbli Qorti, fl-ismijiet premessi, u tordna lill-intimat appellat Reġistratur tal-Qorti jirrevedi t-taxxa de quo fid-dawl tal-premess. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Notifika Appellat: Raymond Azzopardi, 215, Flat 1, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri) illum 21 ta' Novembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

… omissis …

Thus in view of the premised and whilst making reference to the proof and submissions already produced and reserving the right to present all the new proof admissible at law, the interpellant respectfully prays this Honourable Court to revoke the judgement mentioned of the Honourable First Court in the names premised and order the respondent defendant Registrar of Court to review the tax de quo in the light of the premised. With costs of both instances.

Notify: Raymond Azzopardi, 215, Flat 1, Triq Salvu Psaila, Birkirkara

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) today 21st November, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1863

Illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Frar, 2018, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

J. Zammit Ltd (C 37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, ippreżentaw Talba, fl-1 ta' Novembru, 2016, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Capa Tufan (KI 77174A) ta' Blk 63, Flat 12, Telgħet Birkirkara, San Ġiljan, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4488 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż Nru 499/16AM) hija differita għall-11 ta' Diċembru, 2018, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 21 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 16th February, 2018, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

J. Zammit Ltd (C 37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, filed a Claim on the 1st November, 2016, whereby they asked the Tribunal to condemn Capa Tufan (ID 77174A) of Blk 63, Flat 12, Telgħet Birkirkara, St Julian's, to pay the plaintiff company the sum of €4488 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interest

The case (Claim Number 499/16AM) is deferred on the 11th December, 2018, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 21st November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1864

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru, 2018, mit-Tribunal ta' Arbitraġġ Dwar il-Qsim ta' Wirt, fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Roger Firth Bernard vs Suzanne Jennifer Firth Bernard Kavanagh, Rikors Nru 1/2018DC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 5th October, 2018, of the Partition of Inheritances Tribunal in the records of the Application in the names Roger Firth Bernard vs Suzanne Jennifer Firth Bernard Kavanagh, Application Number 1/2018DC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors numru 1/2018DC fl-ismijiet Roger Firth Bernard (passaport Ingliż numru 532402733) vs Suzanne Jennifer Firth Bernard Kavanagh (KI 2013161P), ippreżentat fit-Tribunal ta' Arbitraġġ Dwar il-Qsim ta' Wirt, fil-15 ta' Frar, 2018, ir-rikorrenti Roger Firth Bernard (passaport Ingliż bin-numru 532402733) espona bir-rispett:

Illi fit-12 ta' Mejju, 2008, missier l-esponenti, John Firth Bernard, miet fid-dar tiegħu li ġġib l-indirizz 47, Neptune Court, Fl 10, Triq il-Kbira, San Ġiljan, kif jidher miċ-ċertifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok. RFB1;

Illi d-decujus miet, intestat, kif jidher mir-riċerki li saru kemm fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll fir-reġistri miżmuma fil-Qorti (Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Volontarja), kif ukoll ġewwa dawk miżmuma fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Volontarja), kif jidher mid-dokumenti annessi Dok. RFB2 u Dok. RFB3 rispettivament;

Illi nonostante illi l-esponenti pprova kemm-il darba bil-kelma t-tajba jikkomunika ma' oħtu l-intimata sabiex dawn jgħaddu għad-diviżjoni tal-wirt li ħalla missierhom, skont il-Liġi, u saħansitra anke bagħat numru ta' ittri legali f'dan is-sens, l-intimata baqgħet tirrifjuta li taċċetta d-diviżjoni peress li baqgħet tippretendi iktar minn dak li hu dovut lilha;

Illi ladarba d-decujus miet mingħajr testment, is-suċċessjoni għandu jiddevolvi fuq l-eredi skont l-artikoli 788 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè bejn it-tfal tad-decujus, il-partijiet f'din il-kawża. Illi għal kull buon fini, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tal-esponenti qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. RFB4;

Illi peress illi l-partijiet mhux jaqblu fuq il-mod kif il-wirt għandu jinqasam bejniethom, u peress illi iktar minn tliet snin rikjesti mil-liġi, ossija artikolu 3 tal-Kap. 308 tal-Liġijiet ta' Malta, għaddew mill-ftuħ tas-suċċessjoni, u inoltre, peress illi l-esponenti għandu dritt għal 50% tal-beni komuni kif rikjest mill-istess artikolu, jeħtieg illi l-qsim tal-wirt jiġi rregolat mit-Tribunal odjern.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jgħaddi biex jordna l-qsim tal-wirt ai termini tal-artikolu 788 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta skont kif jidhirlu xieraq.

Rikorrenti: No 1, Kiln Way, Aldershot, Hampshire, GU11 3UG, Ir-Renju Unit

Intimata: 47, Neptune Court, Flat 10, Triq il-Kbira, San Ġiljan

Ir-rikors fl-ismijiet Rogert Firth Bernard vs Suzanne Jennifer Firth Bernard Kavanagh, rikors numru 1/2018DC, jinsab differit għat-30 ta' Novembru, 2018, f'12.00 p.m.

By means of an application number 1/2018DC in the names Roger Firth Bernard (English passport number 532402733) vs Suzanne Jennifer Firth Bernard Kavanagh (ID 2013161P) filed before the Partition of Inheritance Tribunal on the 15th February, 2018, the applicant Roger Firth Bernard requested with respect:

That on the 12th May, 2008, the father of the applicant, John Firth Bernard, died at his home at 47, Neptune Court, Fl 10, Triq il-Kbira, St Julian's, as evidenced from the death certificate here attached and marked as Doc. RFB1;

That the deceased died intestate, as is evidenced from the searches that have been carried out at the Public Registry, and also those held at the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) and also at the Magistrates Court (Gozo) (Jurisdiction Section) as evidenced from the attached documents Doc. RFB2 and Doc. RFB3 respectively;

That although the applicant, out of good will, tried several times to communicate with his sister, the respondent, to proceed for the division of their father's inheritance, according to law, and even sent a number of legal letters to this effect, the respondent refused to accept the division because she wanted more than that which is due to her;

Since the deceased died intestate, his succession should be bequeathed onto the heirs according to article 788 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta, and that is between the children of the deceased, the parties in this case. For all intents and purposes, a copy of the birth certificate of the applicant is being here attached and marked as Doc. RFB4;

That because the parties are not agreeing on the way the inheritance has to be divided between them, and because more than three years have passed from the opening of succession, in terms of article 3 of Cap. 308 of the Laws of Malta, and in addition, since the applicant has a right to 50% of the communal property as set out in the same article, this Tribunal is required to regulate the division of this inheritance.

Thus, in view of the above, the applicant is requsting this Honourable Tribunal to order the division of the inheritance in terms of Article 788 et sequitur of Cap. 16 of the laws of Malta as it deems fit.

Applicant: No 1, Kiln Way Aldershot, Hampshire, GU11, 3UG, United Kingdom

Respondent: 47, Neptune Court, Flat 10, Triq il-Kbira, St Julian's

The application in the names Roger Firth Bernard vs Suzanne Jennifer Firth Bernard, Application Number 1/2018DC, has been postponed for hearing to the 30th November, 2018, at 12.00 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1865

B'digriet tat-12 ta' Novembru, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-27 ta' Lulju, 2018, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €19,795.97 mill-Kummissarju tat-Taxxi, depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1344/2018 fl-ismijiet:

Kummissarju tat-Taxxi vs Veronica Gauci (KI 312162M) f'isimha personali u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Uranus Company Limited (C 6772)

Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors b'sitt (6) ijiem utili żmien biex tirrispondi.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, 22 ta' Novembru, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 12th November, 2018, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by an application filed by Commissioner of Revenue on the 27th July, 2018, is asking for the withdrawal of €19,795.97 by Commissioner of Revenue deposited by the schedule of deposit 1344/2018 in the names of:

Commissioner of Revenue vs Veronica Gauci (ID 312162M) personally and as a director on behalf of Uranus Company Limited (C 6772).

The Court ordered the notification of the application with a six (6) working days period to reply.

Registry of the Superior Courts, today Thursday, 22nd November, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1866

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Awwissu, 2018, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1510/18, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs Maureen Scicluna, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maureen Scicluna a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 2 ta' Mejju, 2018

Lil Scicluna Maureen ta' Pilkington Flats, Flat 3, Triq San Girgor, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat (4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €325.00 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru inkonnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

By means of a decree of the 14th August, 2018, given by the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1510/18, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs Maureen Scicluna, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maureen Scicluna in terms of Article 187(3) Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 2nd May, 2018

To Maureen Scicluna of Pilkington Flats, Flat 3, Triq San Girgor, Tas-Sliema

By the present, the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial letter you pay the sum of €325.00 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Scicluna Maureen vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et (SC, TM, JA1) deżerta fil-5 ta' Ottubru, 2016.

Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Scicluna Maureen vs Malta Transport Authority et (SC, TM, JA1) deserted on the 5th October, 2016.

In default the applicant reserves to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1867

B'digriet tat-22 ta' Novembru, 2018, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fil-15 ta' Novembru, 2018, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 15/18 fl-ismijiet J. Zammit Limited (C 37945) vs Raymond Gauci et miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2018.

Skont Artiklu 338 (1) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ġimgħa, 23 ta' Novembru, 2018

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 22nd November, 2018, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 338 (1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited (C 37945) on the 15th November, 2018, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial sale by auction 15/18 in the names J. Zammit Limited (C 37945) vs Raymond Gauci et held under the Authority of the said Court on the 14th November, 2018.

According to Article 338 (1) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today Friday, 23rd November, 2018

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1868

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1709/2017, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Joseph Cassar Aveta, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront

By means of a decree of the 13th March, 2018, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1709/2017 in the names Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Joseph Cassar Aveta, the following publication was ordered for the

tal-intimat Joseph Cassar Aveta a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-28 ta' Ġunju, 2017

Lil Joseph Cassar Aveta (KI 694458M) ta' Swieqi Res Comp Blk C, Flat 1, Triq il-Qatta, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għannom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,114.69, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. In kwantu l-kont numru 101000012645 l-ammont ta' €248.55 fil-fond bl-indirizz Palazzo Rovere, Triq Marina, Tal-Pietà; u

ii. In kwantu l-kont numru 101000035517 l-ammont ta' €560.28 fil-fond bl-indirizz 35, San Ġorġ, Żona Industrijali, Triq Mastru Ġorġ Cachia, Ħal Qormi; u

iii. In kwantu l-kont numru 101000065195 l-ammont ta' €1,300.49 fil-fond bl-indirizz The Avetas, Triq Ħabb il-Qamħ, St Andrews; u

iv. In kwantu l-kont numru 101000071086 l-ammont ta' €5.37 fil-fond bl-indirizz CousinJules Stabel, Triq l-Imdina, Ħal Qormi.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

purpose of effecting service on the respondent Joseph Cassar Aveta in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th June, 2017

To Joseph Cassar Aveta (KI 694458M) of Swieqi Res Comp Blk C, Flat 1, Triq il-Qatta, Swieqi

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,114.69, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations or water supply regulations together with interest due on the amount according to law, which amount consists of the following:

i. As for the bill number 101000012645 the amount of €248.55 for the premises Palazzo Rovere, Triq Marina, Tal-Pietà; and

ii. As for the bill number 101000035517 the amount of €560.28 for the premises 35, San Ġorġ, Żona Industrijali, Triq Mastru Ġorġ Cachia, Ħal Qormi; and

iii. As for the bill number 101000065195 the amount of €1,300.49 for the premises The Avetas, Triq Ħabb il-Qamħ, St Andrews; and

iv. As for the bill number 101000071086 the amount of €5.37 for the premises CousinJules Stabel, Triq l-Imdina, Ħal Qormi.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum it-23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1869

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-15 ta' Novembru, 2018, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bartolo Maria Luann vs Zbeda Isaam Abdulmawla, Rikors Numru 223/18 JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Issam Abdulmawla Zbeda, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Maria Luann Bartolo (KI 596491M) vs Issam Abdulmawla Zbeda, fid-29 ta' Aswissu, 2018, ir-rikorrenti Maria Luann Bartolo (KI 596491M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri … omissis … f'idejn ir-rikorrenti b'dana li d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri jittieħdu esklussivament waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat, tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri kif mitlub fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bartolo Maria Luann vs Zbeda Isaam Abdulmawla, Rikors numru 223/18 JPG, jinsab differit għat-Tnejn, 3 ta' Diċembru, 2018, fid-9.15 a.m.

Rikorrent: 102, St Rita House, Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ

Intimat: 3, Redentur, Triq Correa, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja) illum 23 ta'Novembru, 2018

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 15th November, 2018, in the records of the Sworn Application in the names Bartolo Maria Luann vs Zbeda Isaam Abdulmawla, Application Number 223/18 JPG, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Issam Abdulmawla Zbeda, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, presented in the Civil Court (Family Section) in the names Maria Luann Bartolo (ID 596491M) vs Issam Abdulmawla Zbeda, on the 29th August, 2018, the applicant Maria Luann Bartolo (ID 596491M) asked this Honourable Court for the reasons premised:

To entrust the care and custody of the minor … omissis … to the applicant in such a manner that all the decisions relating to the minor be taken exclusively by herself without the necessity of the signature of the respondent, liquidate and fix the maintenance for the minor as demanded in the application and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent, summoned so that as reference to his evidence be made

The Sworn Application in the names Bartolo Maria Luann vs Zbeda Isaam Abdulmawla, Application number 223/18 JPG, has been deferred for hearing to Monday, 3rd December, 2018, at 9.15 a.m.

Applicant: 102, St Rita House, Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ

Respondent: 3, Redentur, Triq Correa, Ħal Qormi

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 23rd November, 2018

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1870

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-12 ta' Novembru, 2018, minn Vanessa Miceli et, numru 1777/2018, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Vanessa Miceli fl-intier kollu tagħha s-suċċessjoni ta' Carmel sive Charles Miceli (KI 0423449M), żewġ Pauline Miceli, iben il-mejtin

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 12th of November, 2018, by Vanessa Miceli et, number 1777/2018, wherein they prayed to be declared open in favour of Vanessa Miceli in its entirety the succession of Carmel sive Charles Miceli (ID 0423449M), husband of

Domenic u Theresa née Abela, imwieled Ħaż-Żabbar, kien residenti n-Naxxar, u miet Tal-Qroqq, l-Imsida fid-9 ta' Marzu, 2018, ta' 68 sena.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Art. 537(1) et sequitur tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja)

Illum 22 ta' Novembru, 2018

MARCEL BUGEJA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tibunali

Pauline Miceli, son of the late Domenic and Theresa née Abela, born at Ħaż-Żabbar, resided at Naxxar and died at Tal-Qroqq, Msida, on the 9th of March, 2018, aged 68 years.

Wherefore any person who considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et sequitur of Chap.12 of the Laws of Malta.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today the 22nd day of November, 2018

MARCEL BUGEJA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1871

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-12 ta' Novembru, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3282/18, fl-ismijiet Vincent Debono et vs John Anthony Tonna et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimati John Anthony Tonna, Denise Spiteri u Victor Tonna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 14 ta' Settembru, 2018

Lil

1. John Anthony Tonna ta' 51, ġja 22, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta;
2. Denise Spiteri ta' 51, ġja 22, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta;
3. Victor Tonna ta' 51, ġja 22, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta.

Permezz tal-preżenti Vincent Debono (KI 46849M) u martu Mary Doris Debono (KI 760848M) ta' 67, Triq Inguanez, Ir-Rabat, Malta, fil-kwalità tagħhom ta' sidien tal-garaxx 49, Triq Inguanez, Ir-Rabat, sottopost għall-fondi proprjetà tagħkom aċċessibbli mill-entratura 51, ġja 22, fl-istess triq, filwaqt li jirreferukom għad-diversi lmenti li għamlulkom dwar l-ingress ta' ilma fil-garaxx tagħhom mill-imsemmija proprjetà tagħkom, jinterpellawkom sabiex fi żmien jumejn tagħmlu x-xogħlijiet kollha meħtieġa fl-istess fondi proprjetà tagħkom, skont is-sengħa u l-arti u biċ-ċertifikazzjoni appożita ta' perit arkitett, sabiex tiżguraw li ma jiskulax aktar ilma mill-proprjetà tagħkom għall-garaxx tagħhom;

Intom imsejħin ukoll sabiex, fl-istess żmien, tersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-mittenti

By means of a decree of the 12th November, 2018, in the records of the judicial letter number 3282/18 in the names Vincent Debono et vs John Anthony Tonna et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents John Anthony Tonna, Denise Spiteri and Victor Tonna in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 14th September, 2018

To

1. John Anthony Tonna of 51, previously 22, Triq Inguanez, Rabat, Malta;
2. Denise Spiteri of 51, previously 22, Triq Inguanez, Rabat, Malta;
3. Victor Tonna of 51, previously 22, Triq Inguanez, Rabat, Malta.

By this present Vincent Debono (ID 46849M) and his wife Mary Doris Debono (ID 760848M) of 67, Triq Inguanez, Rabat, Malta in their capacity as owners of the garage number 49, Triq Inguanez, Rabat, which underlie your properties accessible from the entrance 51, previously 22, in the same road, whilst making reference to several complaints that they made regarding water ingress in their garage from your properties, solicit you so that within two days you carry out all the necessary works in your properties, according to art and trade and which works are duly certified by an architect, so that you make sure that water will not penetrate in their garage from your properties.

You are also solicited so that at the same time, you come forward for the liquidation and payment of all the damages

fil-garaxx tagħhom, konsistenti fost l-oħrajn fl-ispejjeż li jridu jinkorru sabiex isewwu l-ħsarat strutturali kaġunati fih bi ħtijiet tagħkom;

Fin-nuqqas, il-mittenti ma jkollhomx triq oħra ħlief li jipproċedu kontra tagħkom bil-Qorti u bil-mandati opportuni, kollox bi spejjeż tagħkom.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

suffered by the interpellants in their garage, consisting among others in costs that they have incurred to repair the structural damages that were caused because of you;

In default, the interpellants will have no alternative but to proceed against you in Court with the opportune warrants, and all at your own costs.

With costs and interest

Registry of the Superior Courts today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1872

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Ottubru, 2018, Rikors Numru 1639/2018, minn Joseph Muscat u Jane Pullicino fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom f'sehem indaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' ommhom Lidia Muscat, armla, bint il-mejtin Pietro Perotti u Adelina Perotti née Amato, imwielda l-Marsa, kienet toqgħod Tas-Sliema u mietet Tas-Sliema, Malta, fit-22 ta' April, 2018, ta' 97 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 0719520M.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-Avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th October, 2018, Application number 1639/2018 by Joseph Muscat and Jane Pullicino whereby they prayed that it be declared open in their favour in equal shares between them the succession of their mother Lidia Muscat, widow, daughter of the late Pietro Perotti and Adelina Perotti née Amato, born in Marsa, resided in Tas-Sliema and died in Tas-Sliema, Malta on the 22nd April, 2018, aged 97, holding identity card number 0719520M.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1873

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-16 ta' Novembru, 2018, u dan wara Rikors b'Numru 202/2018, ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Khadija Mahmood Siddiq, li jġib in-numru 3397 tas-sena 2016, billi fil-kolonna intestata 'Tagħrif dwar it-Tarbija – Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', jiġi kkanċellat il-kunjom 'Siddiq', b'dan li jkun ċar li isem ir-rikorrenti huwa

It is hereby notified in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 16th of November, 2018, and this after a written plea Numbered 202/2018, ordered:

The correction of the Act of Birth of Khadija Mahmood Siddiq, bearing number 3397 of the year 2016, under the columns entitled 'Particulars respecting the child – Name or Names by which the child is to be called', the surname 'Siddiq' is to be cancelled. This change is to clearly indicate

'Khadija' u li kunjomha hu biss 'Mahmood'.

Tordna wkoll li din il-korrezzjoni tiġi riflessa fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tar-rikorrenti, fil-Passaport ta' Malta, u kull dokument ieħor futur tal-istat ċivili tagħha.

Reġistru tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa, 23 ta' Novembru, 2018

JANET CALLEJA
Deputat Reġistratur, Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

that the applicant's name is 'Khadija', and surname is only 'Mahmood'.

The Court also orders that this change is to be reflected in all acts of civil status concerning the applicant, in the Passport of Malta, and in every future document pertaining to the applicant's civil status.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday, 23rd November, 2018

JANET CALLEJA
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1874

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru, 2018, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2160/18, fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk plc vs Oliver Compagno, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali, ai termini tal-Artikolu 253 u artikoli sussegwenti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Oliver Compagno (KI 403473M) ta' Blue Rose, Flat 2, Triq Marjanu Gerada, Ħal Tarxien, fil-21 ta' Ġunju, 2018, Simonds Farsons Cisk plc (C 113) ta' The Brewery, L-Imrieħel, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) tħallas lill-mittenti s-somma ta' €27,685.06 rappreżentanti bilanc minn ħames (5) kambjali ta' €10,000 il-waħda li mmaturaw fis-6 ta' Ottubru, 2015, rispettivament.

Ma din l-ittra uffiċjali qed jiġu annessi kopji awtentikati tal-kambjali fuq indikati sabiex il-kreditu dovut minnek u ammontanti għal €27,685.06 qed jiġi reż titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fin-nuqqas ta' ħlas is-soċjetà mittenti ser tipproċedi kontra tiegħek ulterjorment bil-Qorti, mingħajr Avviż ieħor, inkluż kull mandat opportun.

Din l-intima qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u speċjalment biex tirrendi l-imsemmija kambjali esegwibbli skont il-liġi a tenur tal-Art 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed tiġi infurmat wkoll, u dan kif rikjest mill-proviso ta' paragrafu (e) tal-Art 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi tista', permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, titlob lill-Qorti kompetenti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew kambjali hawn fuq imsemmija, kollha jew f'parti minnhom u dana f'każ li topponi l-eżekuzzjoni tal-kambjala

By means of a decree on the 11th October, 2018, in the records of the judicial letter number 2160/18, in the names Simonds Farsons Cisk plc vs Oliver Compagno, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, in terms of Article 253 and subsequent articles of Cap. 12 of the Laws of Malta, filed in the First Hall of the Civil Courts against Oliver Compagno (ID 403473M) of Blue Rose, Flat 2, Triq Marjanu Gerada, Ħal Tarxien, on the 21st June, 2018, Simonds Farsons Cisk plc (C 113) of The Brewery, Mrieħel, calls upon you so that within two days you pay the interpellant the sum of €27,685.06 representing the balance due from a larger sum of €10,000 representing 5 bills of exchange that had matured on the 6th October, 2015, respectively.

With this judicial letter authentic copies of these bills of exchange above mentioned are being annexed so that the debt due by you amounting to €27,685.06 is being rendered executable title in terms of Article 253(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In default of payment the interpellant company will proceed against you furtherly in Court, without any further notice, including the opportune warrants.

This judicial letter is being made for all purposes and effects of law and especially to render the said bill of exchange executable according to law in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

You are being informed also, and this as required in the proviso of paragraph (e) of Article 253 of Cap. 12 of the Laws of Malta, that you can, be means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial letter, plead this competent Court to suspend the execution of this bill of exchange or bills of exchange above mentioned, all or part of them and this in case you oppose

jew kambjali minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew kambjali ma tkunx tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek, jew fejn għandek raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi l-eżekuzzjoni.

Bl-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali u bl-imgħax ta' 8% fis-sena fuq kull kambjala li tkun immaturat għall-ħlas mid-data tal-maturazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the execution of the bill of exchange or bills of exchange because the signature on the bill of exchange or bills of exchange is not yours or of your mandatory, or if you have other grave and valid reasons to oppose the execution.

With costs of this present judicial letter, and with 8% interest per year on each bill of exchange that has matured for payment from the date of maturity till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1875

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru, 2018, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Antoine Farrugia noe vs Louis Pace, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Louis Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Antoine Farrugia (KI 45772M) bħala prokuratur u mandatarju speċjali ta' Joseph Farrugia (KI 617734M), ta' Charles Farrugia (passaport Malti nru 1052888), ta' Maria Farrugia (KI 47941M) u ta' Rita Formosa (KI 0660232M) vs Louis Pace (KI 604354M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-2 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrenti Antoine Farrugia (KI 45772M) fil-vesti premessa espona bir-rispett:

Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 80, Triq Bart, Il-Ħamrun;

Illi l-intimat kien qed jokkupa dan il-fond taħt titolu ta' kera;

Illi permezz ta' sentenza mogħtija minn dan l-Onorabbli Bord nhar is-26 ta' Frar, 2018, fl-ismijiet premessi Rik. Ġuramentat Nru 82/16, din il-kirja ġiet dikjarata terminata u l-Bord awtorizza r-ripreża tal-fond da parti tar-rikorrenti;

Illi l-intimat intavola appell minn din is-sentenza liema proċeduri għadhom pendenti;

Illi r-rikorrenti qed jiġu kkuntattjati minn diversi ġirien li qed issirilhom ħsara li s-sors tagħha huwa minn ġol-fond 90, Triq Bart, Il-Ħamrun u li l-istess fond qed jinżamm f'qagħda ta' manutenzjoni ħażina;

Illi għalhekk jixtiequ li dan l-Onorabbli Bord jawtorizzahom jaċċedu fil-fond flimkien ma' perit ta' fiduċja tagħhom sabiex jispezzjonaw il-fond proprjetà tagħhom;

By means of a decree of the 10th October, 2018, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Antoine Farrugia noe vs Louis Pace, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Louis Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Antoine Farrugia (ID 45772M) as procurator and special mandatory of Joseph Farrugia (ID 617734M), of Charles Farrugia (Maltese passport number 1052888), of Maria Farrugia (ID 47941M) and Rita Formosa (ID 0660232M) filed before the Rent Regulation Board on the 2nd August, 2018, the applicant Antoine Farrugia (ID 45772M) in his capacity requested with respect:

That the applicants are the owners of the premises 80, Triq Bart, Ħamrun;

That the respondent used to occupy these premises under the title of lease;

That by means of a judgment given by this Honourable Board on the 26th February, 2018, in the said names Sworn Application number 82/16 this lease was declared terminated and the Board authorised the applicants to resume possession of the premises;

The respondent has filed an appeal from this judgement which procedures are still pending;

The applicants are being contacted by several neighbours that damage is being cuased and the source is the premises 80, Triq Bart, Ħamrun and the same premises are being kept in a bad state of maintenance;

Thus they wish that this Honourable Board authorises them to enter the premises together with an Architect of their trust so that they can inspect their property;

Illi minħabba l-karattru tal-intimat, l-esponenti jixtiequ li jiġu awtorizzati li fid-data tal-aċċess ikollhom l-assistenza tal-pulizija eżekuttiva kemm għas-sigurtà tagħhom kif ukoll għaż-żamma tal-buon ordni.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord jawtorizzahom jaċċedu fil-fond 80, Triq Bart, il-Ħamrun, flimkien ma' perit ta' fiduċja tagħhom ħalli jispezzjonaw l-istess fond u li tordna lill-Pulizija Eżekuttiva tagħtihom l-assistenza kollha li jkunu jeħtieġu u sabiex jassiguraw il-buon ordni u dan taħt kull provvediment ieħor li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Rikorrenti: 10, Mostina, Triq il-Mixtla, Ħ'Attard

Intimat: 80, Triq Bart, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Novembru, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In view of the character of the respondent, the applicants wish that on the date of the inspection they are assisted by the police for their own protection and for good order;

Thus the applicants humbly resquest this Honourable Board to authorise them to enter the premises 80, Triq Bart, Ħamrun together with an Architect of their trust to inspect the premises and orders the police to give them all the assistance needed to ensure that good order is retained and this under any other direction that this Board deems fit and opportune.

Applicant: 10, Mostina, Triq il-Mixtla, Ħ'Attard

Respondent: 80, Triq Bart, Ħamrun

Registry of the Superior Courts, today 23rd November, 2018

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1876

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2018, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Faustino Pulis et vs Donrof Vella et, Rikors Nru 96/2018FDP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Donrof Vella u Margot Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

